MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2014

Numru 101/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Armando Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Armando Debono**, iben Carmel u Theresa xebba Zahra, imwieled il-Belt Valletta nhar is-17 ta' Ottubru, 1957, residenti gewwa 117B, Triq San Kristofru, il-Belt Valletta, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 715457M, akkuzat talli nhar is-6 ta' Novembru, 2013

għall-habta tad-9.30a.m gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

1. garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma jkollu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;

2. kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher bic-car fis-sakra waqt li kellu l-hsieb ta' tfal ta' taht is-seba' snin, jew ta' zwiemel, bghula jew barrin, jew ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura, inkella, waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq in-nies jew ghamel storbju, jew kellu fuqu armi tan-nar, jew ma kienx ried johrog minn hanut tax-xorb, hanut tal-ikel, tverna jew lukanda jew fittex li jirkeb f'dghajsa, jew fuq bastiment tal-passiggieri, jew fuq vettura ohra, jew ma kienx ried jinzel minn fuq id-dghajsa, bastiment jew vettura ohra ghalkemm gie imwissi mill-persuna li kellha l-hsieb taghhom biex ma jirkibx fuq id-dghajsa, bastiment jew vettura ohra jew biex jinzel minn fuqhom.

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Armando Debono, taht dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota illi x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fis-segwenti: affidavit ta' PS 206 B. Aquilina, xhieda moghtija *viva-voce* quddiem il-Qorti mill-iSpettur Roderick Agius, mill-iSpettur Joseph Agius u minn Alfred Debattista. Mill-affidavit ta' PS 206 jirrizulta li l-involviment ta' PS 206 kien jikkonsisti f'dak li gara wara li dakinhar tas-6 ta' Novembru 2013 kien gie nfurmat li kien hemm persuna, cioé l-imputat, li kien qed jigi mizmum mill-Pulizija hdejn il-bieb tal-Qorti minhabba li kien qed jaghmel xi storbju. Da parte taghhom, l-iSpetturi Joseph Agius u Roderick Agius, li nzertaw kienu fil-*queue* sabiex jidhlu fil-Qorti, setghu jaraw dak li kien qed jigri wara li s-*security* Alfred Debattista waqqaf lill-imputat milli jidhol fil-Qorti. Ix-xiehda moghtija mill-iSpetturi Joseph Agius, Roderick Agius u Alfred Debattista hija wahda cara, lucida u koerenti.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2014, gie ezebit formalment il-mus li jsir riferenza ghalih f'Dok. "B" ezebiet fis-seduta tal-10 ta' April 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi, minn dak mismugh mill-Qorti, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, cioé dik li tirrigwarda ksur tal-bon ordni u tal-kwiet pubbliku, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan gie pruvat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, din tirrizulta wkoll pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom kollha.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u l-fedina penali (Dok. "C") tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta′ Malta, u Artikoli 338(dd) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, issib lill-imputat Armando Debono hati ta′ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni tikkundannah multa ta′ mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47), fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni tikkundannah ammenda ta′ tletin Euro (€ 30.00), u fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni tikkundannah ammenda ohra ta′ tletin Euro (€ 30.00).

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti elenkati f′Dok. "B" ezebiet fis-seduta tal-10 ta′ April 2014, u kif ukoll tal-oggett mmarkat bhala Dok. "PMG 1" ezebiet fis-seduta tad-19 ta′ Gunju 2014.

Finalment, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tohrog Ordni ta′ Trattament fil-konfront tal-imputat, kif mitluba mill-Prosekuzzjoni, u ghaldaqstant il-Qorti tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------